MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 253/1992/1

**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur tas-socjeta' estera Hellenic Fabrics S.A. ta' Thessaloniki l-Grecja**

**vs**

**David A Goulden u Martin H Pachard bhala diretturi tas-socjeta' Clothing Limited u in rappresentanza ta' istess**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici ta' l-attur nomine fl-ammont fi flus maltin ekwivalenti ghal hames mija sitta u ghoxrin elf u hames mija u wiehed u erbghin punt erbghin frank franciz (FRF526,541.40) liema ammont jirrapresenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata f'Mejju/Gunju ta' l-elf disa mija disa' u tmenin (1989) u liema somma kellha tithallas f'Awissu/Settembru ta' l-istess sena, liema ammont, pero', sa llum ghadu ma thallasx, kif jirrizulta ahjar mill-kopji tal-fatturi relattivi u li qed jigu annessi u mmarkati bhala dokumenti "A" , "B", "C", u "D";

Illi s-socjeta' konvenuta interpellata b'ittra ufficjali tad-dsatax (19) ta' Frar elf disa mija wiehed u disghin (1991), sabiex thallas l-ammont minnha dovut baqghet inadempjenti u sahansitra wiegbet illi hija ma kinitx f'qaghda li thallas dan l-ammont u li kienet qed tikkonsidra tieqaf tinnegozja ghal kollox peress illi ma kienx hemm ordnijiet ta' xoghol kif jirrizulta ahjar mill-annessi ittri tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, 1991 u tal-hdax ta' Jannar, 1991 li qed jigu mmarkati rispettivament bhala dokument "E", u "F";

Illi s-socjeta' konvenuta nonostante diversi talbiet ohra biex thallas l-ammont dovut, baqghet ma hallsitx dan id-debitu u ma tidhirx li hi fi stat li thallas l-istess debitu;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta waqfet thallas id-debiti taghha;

2. Tistabbilixxi l-gurnata tac-cessazzjoni tal-pagament ta' parti taghha;

3. Tiddikjara li l-istess socjeta' tinsab fi stat ta' falliment u dan bi procedura sommarja skond it-termini tal-artikolu erba' mija u tnejn u tmenin (482) sub-artikolu wiehed (1) tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tinnomuina kuratur (wiehed jew izjed) ghas-socjeta' konvenuta sabiex jezercita l-funzjonijiet moghtija lilu fl-imsemmi Kap. 13;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-dsatax (19) ta' Frar 1991 u tal-mandati ta' sekwestru u qbid kawtelatorji prezentati fit-28 ta' Awissu 1991 u 29 ta' Awissu 1991 rispettivament kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Flimkien mac-citazzjoni nghatat malliverija fis-somma ta' mitejn lira maltin (Lm200) ghal-penali kif stipulat fl-artiklu 482 (1) tal-kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitamenmt konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie ecepit illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta eccpjenti qatt ma waqfet thallas id-debiti u mhux fi stat ta' falliment;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta estera attrici, fic-citazzjoni, tippremetti li s-socjeta konvenuta hi debitrici taghha fl-ammont ta' hames mija sitta u ghoxrin elf u hames mija u wiehed u erbghin

punt erbghin frank franciz (FRF526,541.40) liema ammont jirrapresenta bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lil-istess socjeta konvenuta. L-istess socjeta attrici tkompli tippremetti li s-socjeta konvenuta inutilment giet intepellata thallas l–imsemmi bilanc u inoltre l-istess socjeta konvenuta ddikjarat li ma kinitx f’qaghda li thallas dan l-ammont u li kienet qed tikkonsidra tieqaf tinnegozja peress illi ma kienx hemm ordnijiet ta’ xoghol. Ghalhekk l-istess socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li s-socjeta’ konvenuta waqfet thallas id-debiti taghha u li tigi stabbilita l-gurnata tac-cessazzjoni tal-pagamenti ta’ parti tal-istess socjeta konvenuta. Qed titolb ukoll li jigi dikjarat li l-istess socjeta’ tinsab fi stat ta’ falliment u li jigi nominat kuratur ghas-socjeta’ konvenuta skond il-ligi;

Ghalhekk is-socjeta attrici qed tallega li s-socjeta konvenuta waqfet li thallas id-debiti taghha u li ghalhekk tinsab fi stat ta’ falliment. Da parti taghha s-socjeta konvenuta tichad dawn l-allegeazzjonijiet u teccepixxi li hi qatt ma waqfet thallas id-debiti taghha u mhux minnu li tinsab fi stat ta’ falliment;

Mill-provi kollha prodotti l-imsemmija allegazzjonijiet tas-socjeta attrici ma jirrizultawx sufficjentement pruvati. Difatti ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta fil-hin li giet presentata din ic-citazzjoni kienet waqfet li thallas id-debiti taghha. In effett jirrizulta li l-istess socjeta konvenuta, fil-mori ta’ din il-kawza, kompliet tghamel pagamenti a favur tas-socjeta attrici u b’hekk hallset parti sostanzjali tad-debitu in kwestjoni. Dan jirrizulta ukoll mill-affidavit li gie prodott mis-socjeta attrici;

L-ittri tas-socjeta konvenuta li huma imsemmijin fic-citazzjoni jindikaw biss li l-istess socjeta konvenuta, dak iz-zmien, kienet tinsab f’xi diffikultajiet u ma setghetx tlahhaq mal-iskeda tal-pagamenti li kienet giet miftiehma. F’dawn l-ittri gie ukoll dikjarat li jekk ma jigux rimpjazzati l-ordnijiet li kienu ntilfu is-socjeta konvenuta setghet tikkonsidra li twaqqaf l-operazzjonijiet taghha. Dan kollu zgur li ma jfissirx li s-socjeta konvenuta kienet waqfet il-pagamenti tad-debiti taghha u li kienet fi sta ta’ falliment;

Inoltre jirrizulta li wara l-presentata tac-citazzjoni u cioe’ wara Frar tal-1992 is-socjeta koncvenuta baqghet topera ghall-inqas sa Dicembru tal-1994 u jidher li dejjem saru l-“audited accounts” almenu ukoll sal-ahhar tal-1994;

In vista ta’ dan kollu l-allegazzjonijiet premessi mis-socjeta estera attrici ma jirrizultawx sufficjentement pruvati u ghalhekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta konveuta u billi fl-istess hin tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------